Nru. 17,575
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 3 ta' Mejju, 2004
Monday, 3rd May, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 450

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar is-Sibt, l-1 ta' Mejju, 2004, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

L-1 ta' Mejju, 2004
(OPM 12/2004)

GOVERNMENT NOTICE

No. 450

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assume the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Saturday, 1st May, 2004, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

1st May, 2004

ATT TA' L-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali bid-data tat-3 ta' Mejju, 2004, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ippubblikat għall-finijiet ta' l-artikolu 9 ta' l-Att Nru. XVI ta' l-2003.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

It-3 ta' Mejju, 2004

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

The Notice by the Electoral Commission dated 3rd May, 2004 reproduced hereunder, is published for the purposes of section 9 of Act No. XVI of 2003.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

3rd May, 2004

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni qegħda b'dan tavża li bis-saħħa ta' dak provdut bl-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew, sejra ssir Elezzjoni nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

It-3 ta' Mejju, 2004

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of section 60 of the Constitution hereby notifies that in virtue of the provisions of the European Parliament Elections Act, 2003, an election is being held on Saturday, 12th June, 2004.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

3rd May, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali bid-data tat-3 ta' Mejju, 2004, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tar-Regolament 15(2) tat-Tielet Skeda ta' l-Att Nru. XV ta' l-1993.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

It-3 ta' Mejju, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

The Notice by the Electoral Commission dated 3rd May, 2004, reproduced hereunder, is published for the purposes of Regulation 15(2) of the Third Schedule of Act No. XV of 1993.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

3rd May, 2004

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni b'dan tgħarraf li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, se ssir elezzjoni fil-lokalitajiet ta' Birgu, Qormi, Siġġiewi, Attard, Birżebbuġa, Floriana, Gżira, Għargħur, Ħamrun, Kerċem, Luqa, Marsaxlokk, Mosta, Munxar, Paola, Qala, Safi, San Lawrenz, Santa Luċija, Swieqi, Xagħra u Żebbuġ (Għawdex) nhar is-Sibt, it-12 ta' Ġunju, 2004.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

It-3 ta' Mejju, 2004

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of section 60 of the Constitution hereby notifies that in virtue of the provisions of the Local Councils' Act, 1993, an election is being held in the localities of Birgu, Qormi, Siġġiewi, Attard, Birżebbuġa, Floriana, Gżira, Għargħur, Hamrun, Kerċem, Luqa, Marsaxlokk, Mosta, Munxar, Paola, Qala, Safi, San Lawrenz, Santa Luċija, Swieqi, Xagħra and Żebbuġ (Gozo) on Saturday, 12th June, 2004.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

3rd May, 2004

KUNSILL LOKALI MOSTA

Il-Kunsill Lokali Mosta jgħarraf illi Triq il-Kbira minn kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza lejn Pjazza Rotunda se tkun magħluqa għat-traffiku nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Mejju, 2004, mis-7.00 a.m. sa' l-10.00 a.m.

Matul dawn il-ħinijiet it-trasport pubbliku se jkollu jgħaddi minn Triq il-Kungress Ewkaristiku.

L-4 ta' Mejju, 2004

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that Triq il-Kbira from corner with Vjal l-Indipendenza towards Pjazza Rotunda will be closed to all traffic on Friday, 6th May, 2004, from 7.00 a.m. to 10.00 a.m.

Public transport during these times will have to pass through Triq il-Kungress Ewkaristiku.

4th May, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 32

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se tiġi kklassifikata bħala Żoni ta' Rmonk kif indikati hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Mejju, 2004, mis-6.30 a.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Diċembru Tlettax minn kantuniera mas-Salib sa kantuniera mat-Tiġrija.

Il-vetturi misjuba qed jiksru dan l-avviż huma suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Mejju, 2004

POLICE NOTICE

No. 32

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Marsa

On Friday, 7th May, 2004, from 6.30 a.m. till 8.30 p.m. through the following streets: Diċembru Tlettax from corner with is-Salib to corner with it-Tiġrija.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd May, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 33

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikata bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati. Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmonkati.

Ħal Tarxien

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Mejju, 2004 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali sa l-Kbira, iż-Żejtun, il-Knisja, Wenzu Despot, Misraħ Buleben, Ġanni Faurè, Lorenzo Gonzi, Palma sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħamis, l-20 ta' Mejju, 2004 u l-Ġimgħa, il-21 ta' Mejju, 2004 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar is-Sibt, it-22 ta' Mejju, 2004 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Palma kantuniera ma' Lorenzo Gonzi u Sqajjaq.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Mejju, 2004 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Tarxien kantuniera ma' San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq sal-Knisja Parrokkjali.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Mejju, 2004 mit-toroq li ġejjin: mill-Knisja Parrokkjali, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Tarxien, Santa Marija, il-Kbira sal-Knisja Parrokkjali.

It-3 ta' Mejju, 2004

POLICE NOTICE

No. 33

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated. Vehicles found in contravention of this are subject to be towed.

Tarxien

On Sunday, 9th May, 2004 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: from Parish Church to il-Kbira, iż-Żejtun, il-Knisja, Wenzu Despot, Misraħ Buleben, Ġanni Faure', Lorenzo Gonzi, Palma back to Parish Church.

On Thursday, 20th May, 2004 and Friday, 21st May, 2004 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Tarxien corner with San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Saturday, 22nd May, 2004 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Palma corner with Lorenzo Gonzi and Sqajjaq.

On Sunday, 23rd May, 2004 from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Tarxien corner with San Ġużepp, Paola, Misraħ is-Suq up to Parish Church.

On Sunday, 23rd May, 2004 through the following streets: from Parish Church, Misraħ is-Suq, Paola, is-Sorijiet, Sammat, San Ġużepp, Tarxien, Santa Marija, il-Kbira back to Parish Church.

3rd May, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 20 ta' l-2004

Taħriġ ta' Sparar 'l hinn mir-Ranges ta' Pembroke

Il-*Maritime Squadron 2nd Regiment* se jagħmel eżerċizzju ta' sparar attiv 'l hinn mir-*ranges* ta' hawn fuq bejn it-Tnejn, l-10 ta' Mejju u l-Ġimgħa, l-14 ta' Mejju, 2004.

Il-ħinijiet ta' l-isparar se jkunu mit-8.00 a.m. sa l-4.00 p.m. ħin lokali jew 6.00 a.m. sas-2.00 p.m. UTC.

2. It-taħriġ se jsir f'inħawi magħluqa fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Mill-pożizzjoni A:

Latitude 35°55'.53 Tramuntana *Longitude* 14°28'.56 Lvant

u minn hemm fuq *bearing* ta' 335 *True* x 8.5 mili nawtiċi sa:

Pożizzjoni B:

Latitude 36°03'.63 Tramuntana *Longitude* 14°24'.56 Lvant

u minn hemm fuq ark ta' raġġ ta' ċirku ta' 8.5 mili nawtiċi ċentrat fuq il-pożizzjoni A sa:

Pożizzjoni Ċ:

Latitude 36°00' 18 Tramuntana *Longitude* 14°37'.56 Lvant

u minn hemm fuq *bearing* ta' 240 *True* għall-pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu boghod mill-inħawi ta' l-isparar fid-dati u l-ħinijiet imsemmija u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet moghtija mis-*Safety Launches* li jkunu jbaħħru f'dawk l-inħawi u l-*Valletta Port Control*.

C*hart* affettwata BA 194, 2538 u 2537.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM

It-3 ta' Mejju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 20 of 2004

Shoot Exercise off Pembroke Ranges

The Maritime Squadron 2nd Regiment will be holding a live firing exercise off the above ranges between Monday, 10th May and Friday, 14th May, 2004.

Timings of the shoot will be from 8.00 a.m. to 4.00 p.m. local time or 6.00 a.m. to 2.00 p.m. UTC.

2. The exercise will take place in the area enclosed by the following positions:

From position A:

Latitude 35°55'.53 North Longitude14°28'.56 East

thence on a bearing of 335 True x 8.5 nautical miles to:

Position B:

Latitude 36°03'.63 North Longitude14°24'. 56 East

thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on position A to:

Position C:

Latitude 36°00'.18 North Longitude14°37'.56 East

thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels must keep well clear of the above firing areas on the dates and times stated and must obey instructions given by Safety Launches patrolling the area and the Valletta Port Control.

Chart affected BA 194, 2538, 2537.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

3rd May, 2004

L-AWTORITÀ GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403)

Approvazzjoni skond l-artikolu 33 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assikurazzjoni biex jiġu trasferiti d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet dwar il-Poloz ta' Kummerċ Ġenerali ta' l-Assigurazzjoni maħruġa f'Malta

Dan l-Avviż li ġej magħmul mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skond l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni huwa ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att.

It-3 ta' Mejju, 2004

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Insurance Business Act (Cap. 403)

Approval under article 33 of the Insurance Business Act, to dispose of and transfer the Malta General Business Portfolio

The following Notice issued by the Malta Financial Services Authority under the Insurance Business Act, is published for general information in accordance with the provisions of article 33 of the Act.

3rd May, 2004

NOTICE

BY THE MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

WHEREAS it is provided by article 33(1) of the Insurance Business Act (Cap 403) ("the Act") that "Where it is proposed to carry out a scheme under which a company authorised under the Act ("the transferor"), is to transfer to another company, whether authorised thereunder or not ("the transferee") all its rights and obligations under such general business policies, or general business policies of such descriptions, as may be specified in the scheme, and where the transferor is a company whose head office is in a country outside Malta, the performance by it of the obligations proposed to be transferred constitutes the carrying on of business of insurance in or from Malta, the transferor shall apply to the Malta Financial Services Authority ("the Authority") for its approval of the scheme";

WHEREAS Royal & Sun Alliance Insurance plc of St Mark's Court, Chart Way, Horsham, West Sussex RH12 1XL, United Kingdom, a company authorised under the Act to carry on general business in Malta has made an application to the Authority under article 33(1) of the Act to dispose of the Malta General Business Portfolio ("the Business") by transferring the Business, other than for general business policies 584-30805 and 584C31366 ("the Excluded Business"), to Elmo Insurance Limited of Abate Rigord Street, Ta' Xbiex MSD 12, Malta, and has for that purpose, submitted for the Authority's approval the particulars of the proposed transfer which are set out in an agreement made between the parties concerned dated 15 March 2004 ("the Agreement");

WHEREAS the Authority is satisfied that Royal & Sun Alliance Insurance plc has discharged all its obligations under article 33(2) of the Act and Elmo Insurance Limited is a company authorised under the Act to carry on general business in Malta of the classes to be transferred under the scheme and satisfies all the provisions of article 33(4) of the said Act, the Authority signifies its approval to Royal & Sun Alliance Insurance plc's proposal to dispose of and transfer the Business, other than for the Excluded Business, to Elmo Insurance Limited;

NOW, THEREFORE**,** Royal & Sun Alliance Insurance plc is hereby authorised to dispose of and transfer the Business, other than for the Excluded Business, to Elmo Insurance Limited, under article 33 of the Act, in accordance with the terms and conditions of the Agreement.

Dated this 29th day of April, 2004.

(sgd) ANDRÈ CAMILLERI
Director General

L-AWTORITÀ GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI TA' MALTA

Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Kap. 403)

Approvazzjoni skond l-artikolu 33 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assikurazzjoni biex jiġu trasferiti d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet dwar il-Poloz ta' Kummerċ Ġenerali ta' l-Assigurazzjoni maħruġa f'Malta

Dan l-Avviż li ġej magħmul mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skond l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni huwa ppubblikat għall-informazzjoni ta' kulħadd skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 33 ta' l-Att.

It-3 ta' Mejju, 2004

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Insurance Business Act (Cap. 403)

Approval under article 33 of the Insurance Business Act, to dispose of and transfer the Malta General Business Portfolio

The following Notice issued by the Malta Financial Services Authority under the Insurance Business Act is published for general information in accordance with the provisions of article 33 of the Act.

3rd May, 2004

NOTICE

BY THE MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

WHEREAS it is provided by article 33(1) of the Insurance Business Act (Cap 403) ("the Act") that "Where it is proposed to carry out a scheme under which a company authorised under the Act ("the transferor"), is to transfer to another company, whether authorised thereunder or not ("the transferee") all its rights and obligations under such general business policies, or general business policies of such descriptions, as may be specified in the scheme, and where the transferor is a company whose head office is in a country outside Malta, the performance by it of the obligations proposed to be transferred constitutes the carrying on of business of insurance in or from Malta, the transferor shall apply to the Malta Financial Services Authority ("the Authority") for its approval of the scheme";

WHEREAS AXA Insurance plc of 107, Cheapside, London EC2V 6DU, England, a company authorised under the Act to carry on general business in Malta has made an application to the Authority under article 33(1) of the Act to dispose of the Malta General Business Portfolio ("the Business") by transferring the Business to Atlas Insurance Limited of 47-50, Ta' Xbiex Sea Front, Ta' Xbiex MSD 11, Malta, and has for that purpose, submitted for the Authority's approval the particulars of the proposed transfer which are set out in an agreement made between the parties concerned dated 16 February 2004 ("the Agreement");

WHEREAS the Authority is satisfied that AXA Insurance plc has discharged all its obligations under article 33(2) of the Act and Atlas Insurance Limited is a company authorised under the Act to carry on general business in Malta of the classes to be transferred under the scheme and satisfies all the provisions of article 33(4) of the said Act, the Authority signifies its approval to AXA Insurance plc's proposal to dispose of and transfer the Business to Atlas Insurance Limited;

NOW, THEREFORE, AXA Insurance plc is hereby authorised to dispose of and transfer the Business to Atlas Insurance Limited, under article 33 of the Act, in accordance with the terms and conditions of the Agreement.

Dated this 29th day of April, 2004.

(sgd) ANDRÈ CAMILLERI
Director General

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Annual Reports of Government Departments – 2002	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diskors tal-*Budget* 2004	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2003	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2003	Lm32.56c
Estimates 2004	Lm 2.00c
Financial Report 2002	Lm 2.00c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*